MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru. 203/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Wayne Cutajar ta’ 21 sena bin Peter u Antonia nee’ Gauci imwieled Pieta’ fis-27 ta’ April 1985 u residenti “Ward u Zahar”, Triq il-Qaqocc, Haz Zabbar jew “Carmar”, Triq il-Bahhara, Marsascala detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 0237285(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Wayne Cutajar talli:

A) Nhar it-23 ta’ Dicembru 2006 ghal habta tal-5:30 ta’ wara nofs in-nhar gewwa l-Carters Supermarket, li jinsab fi Triq Hal Luqa, Rahal il-gdid, volontarjament ghamel hsara fil-proprjeta (hearing aid) ta’ Lewis Azzopardi minn Rahal il-Gdid, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) u dana bi ksur ta’l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) Talli fl-istess data, hin u lok, ikkagunajt feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Lewis Azzopardi skond kif iccertifikat minn Dr. Mark Leonard Grech M.D. (Warrant mediku nru.2905) it-tabib tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid u Dr. Danica Spiteri M.D. (Warrant Mediku 2963) it-tabiba tad-dipartiment ta’l-emergenza ta’l-isptar San Luqa u dana bi ksur ta’l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) Talli fl-istess data, hin u lok, hebbejt kontra l-persuna ta’ Lewis Azzopardi sabiex tingurja jew taghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurjajt u heddidt lil Lewis Azzopardi u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

E) Talli fl-istess data, hin u lok, ghidt fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament ksirt il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

G) Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gejt ipprovokat, ingurjajt lil Lewis Azzopardi minn Rahal il-Gdid b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tat-22 ta' Marzu 2007 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi dana l-incident sfortunat inqala' fuq disgwid bejn tnejn minn nies dwar trolley gewwa il-Carters supermarket. Il-partijiet involuti ma kenux jafu lil xulxin prcedentement u ma kien hemm l-ebda motivazzjoni wara l-incident li inqala'. Jidher illi l-imputat, li dak in-nhar ta'l-incident kien qieghed jixtri xi rigali flimkien mat-tfajla tieghu, ma tantx hu midhla ta' dawn l-istabbiliment tas-supermarkets. Huwa sab trolley li kienet qieghda wahidha hdejn il-cash point u hadha. Ma irrealizzax illi dina it-trolley kienet qed tintuza minn persuna ohra li tigi mart l-parti leza Lewis Azzopardi. Fil-fatt hija marret b'girja ghal fuqu sabiex tiehu dina it-trolley lura ghaliex hassbet illi l-imputat kien sabha u hadilha. Fil-fatt meta ikkonfrontat b'din l-akkuza minn Marianna Azzopardi, l-imputat ighid li skuza ruhu maghha u taha it-trolley lura. Li sehh wara dan kien rizultat ta' misunderstanding minn naha ta' Lewis Azzopardi li f'dak il-mument haseb illi kien qieghed jigri xi haga bejn martu u l-imputat u ghalhekk resaq bil-girja vicin martu sabiex min ghalih jiddefendiha minn dana l-"aggressur". Peress illi s-sur Azzopardi huwa ragel nieqes mis-smiegh x'aktarx ukoll li fehem hazin dak li kien qieghed jigri u anke x'aktarx illi resaq lejn l-imputat b'lehen gholi minhabba f' dana in-nuqqas. Min hawnhekk madankollu il-verzjonijiet tal-parti leza u martu hija konfliggenti ma' dik moghtija mill-imputat u it-tfajla tieghu Sabrina Casha li kienet ma'l-imputat.

Lewis Azzopardi min-naha tieghu jallega illi huwa fl-ebda mument ma mess lill-imputat jew hebb ghalih. Huwa

jikkontendi illi hekk kif mar vicin il-mara tieghu sabiex jara x'kien gara, l-imputat beda ixejjer daqqiet ta' ponn fil-konfront tieghu tant illi huwa spicca waqa' ma'l-art u habat rasu. F'dana il-mument l-imputat kompla jaghtih bis-sieq biex b'hekk sofra xi griehi. Ighid illi bid-daqqiet li irceva il-*hearing aid* taritlu minn widnejh. L-imputat min-naha tieghu ighid illi huwa aggredixxa lil Azzopardi biex jiddefendi ruhu. Jikkontendi illi huwa ra lil Azzopardi gej bil-girja ghal fuqu u ighajjat b'lehen gholi. F'dana il-mument Azzopardi qabbdu minn ghonqu u sabiex jiddefendi ruhu huwa imbuttah, Azzopardi rega imbuttah lura u f'xi hin huma spiccaw it-tnejn ma'l-art.

Huwa stabbilt bhala fatt illi fuq il-post wasslu hafna nies u kien hemm konfuzjoni shiha. Il-Qorti thoss illi ghal dana l-incident certament kien hemm diversi xhieda okulari li setghu tressqu mill-prosekuzjoni sabiex ikunu jistghu jitfghu aktar dawl fuq id-dinamika ta'l-incident. Il-Qorti tinsab affaccjati b'zewg verzjonijiet differenti u kwindi dana id-dubbju certament sejjer jimmilita favur l-imputat.

Maghdud dana kollu ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa minnu illi l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lewis Azzopardi. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda ta'l-imputat stess, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u anke mic-certfikati medici esebiti bhala Dokumenti WC2 u WC3. Hemm dubbju madanakollu kif inghad iktar 'il fuq jekk dawna il-griehi li huma ta' natura hafifa gewx ikkagunati mill-imputat sabiex huwa jiddefendi ruhu . Illi, dina l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta' dan il-process kif ukoll ix-xhieda tal-parti leza u c-certifikati medici u x-xhieda tat-tobba in konnessjoni mal-griehi sofferti mill-vittmi f'dan l-incident, hi tal-fehma illi ma jirrizultawx l-estremi kollha ghall-applikazzjoni ta' l-iskriminanti tal-legittima difeza u dana a tenur ta' l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali.

Illi kif gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awissu 1998:

"*Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar* ***bzonn attwali ta' difiza legittima*** *ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-agressjoni subita, trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta'l-inevitabilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr reguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."*

Ukoll f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

*"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' t-theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."*

Illi l-Qorti tqis illi l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti meta huwa ra lill-Azzopardi jersaq lejh. Mic-certifikati medici esbieti jirrizulta illi Azzopardi sofra griehi fuq wiccu, fuq rasu, kif ukoll kellu ugiegh fil-kustilji u f'rasu. Meta wiehed iqabbel dawna mal-griehi sofferti mill-imputat u cioe' ugiegh fl-ghonq jirrizulta illi l-imputat irreagixxa b'mod eccessiva ghall-agressjoni subita. Illi ghalhekk ghalkemm ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-ligi ghal legittima difesa ghar-raguni hawn migjuba, madanakollu l-Qorti ma tqisx illi kien l-imputat li ghal xejn b'xejn agredixxa lil parti leza u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi f'dana il-kaz jirrizultaw l-elementi ta'l-eccess tal-legittima difesa kif esposti fl-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 stante illi kien hemm cirkostanzi ta' biza jew twerir li igibu l-impunita' u dana meta l-imputat ra lil parti leza riesaq lejh b'lehen gholi u b'mod aggressiv li f'dak il-mument huwa hass il-

bzonn istantanju li jirreagixxi ghal dina l-agressjoni bi vjolenza. Fil-fatt jirrizulta illi f'dana l-incident anke l-imputat sofra griehi kompatibbli mal-glieda li kienu involuti fiha u ghalhekk wiehed ma jistax ighid illi Azzopardi kien vittma biss ta' xi aggressjoni ghaliex jidher illi ippartecipa ukoll f'din it-taqtigha tant illi anke martu stess hasset dak il-hin li ma kellhiex tinfurmah illi l-hearing aid kienet inkissritlu u dana sabiex ma ikompliex "jishon" (ara fol.57). Fix-xhieda tal-kuntistabbli 732 Joseph Aquilina, li wasal fuq il-post wara l-incident jidher illi fil-fatt Lewis Azzopardi kien ghadu agitat, kif ighid ix-xhud stess huwa sabu bil-qieghda u kienu qed izommuh xi nies ghaliex beda jipprova iqum. Izid illi mart Azzopardi kienet anke talbitu imur vicin zewgha sabiex jikkalmah.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tal-hsara volontarja u cioe' l-akkuza ewlenija, ma giex ippruvat b'mod konklussiv mill-prosekuzzjoni illi fil-fatt kien l-imputat illi kisser dina l-hearing aid. X'aktarx illi l-hearing aid harrget minn widnejn Azzopardi waqt it-taqtiegha u waqghet fl-art bil-konsegwenza illi spiccat mghaffga. Ma jirrultax lanqas mill-provi min ghaffeg l-istess *hearing aid*, peress illi f'dak il-mument ingemghu hafna nies oltre li jidher illi anke waqghu xi bottijiet minn fuq l-ixkafef u ghalhekk il-Qorti ghandha dubbju serju jekk fil-fatt kienx l-imputat li ghaffeg jew kisser dina l-*hearing aid.* Inoltre fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti ma thossx illi l-imputat kien jahti ghal dana l-incident li seta gie evitat facilment li kieku kemm mart il-parti leza kif ukoll l-parti leza stess ma kellhomx reazzjoni kemmxejn esagerata ghal fatt illi l-imputat hadilhom it-trolley!

Ghar-rigward ta'l-akkuzi l-ohra ta' natura kontravvenzjonali, ghandu jinghad illi dawn lanqas ma gew ippruvati mill-prosekuzzjoni. Minn imkien mix-xhieda ma jirrizulta illi l-imputat f'xi hin hedded jew ingurja lil Azzopardi jew inkella illi qal xi kliem oxxen jew indicenti, izda certament mill-konsiderazzjonijiet maghmula jirrizulta illi l-imputat kiser il-buon ordni u il-paci pubblika minhabba il-glieda li kien involut fiha.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 221, 223, 227(d), 230(d), 233(2), 325(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, s-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet peres illi ma jirrizultawx ippruvati, filwaqt illi ssibu hati tat-tieni imputazzjoni, liema reat madankollu huwa skuzabbli ai termini ta’l-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u peress illi il-feriti huma ta’ natura hfief kwindi b’applikazzjoni ta’l-artikolu 233 tal-Kapitolu 9, l-ebda piena ma hija ser tigi inflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------